**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 10 ta' April 2025**

**Rikors ġuramentat nru: 151/2024 AGV**

**Sb**

**VS**

**BB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir- Rikors Guramentat ta'  SB  fejn ippremettiet is-segwenti:-**

I. Illi l-kontendenti kkuntrattaw zwieg bejniethom nhar id-29 ta' Dicembru 2009 fil-Parrocca ta' San Pietru tal-Ktajjen u dan skont certifikat hawn anness u mmarkat SB 1.

II. Illi konsegwenza taz-zwieg gew rikonoxxuti  AMB  li twieldet nhar it-Tlieta 3 ta' Settembru 1990,  EB   li twieled fid-disa' ta' Gunju 1996, u JB  li twieled fit-8 ta' Mejju 1998, mir-rikorrenti  SB   u l-intimat  BB bhala ulied il-partijiet.

III. Illi l-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti m`ghadhiex aktar possibbli u dan ghal-ragunijet imputabbli unikament lill-intimat u senjantament eccessi mohqrija, sevizzi u ingurji gravi kif ukoll vjolenza da parti tal-intimat fil-konfront tal-esponenti in subsidum iz-zwieg tkisser irrevokabilment.

IV. Illi relazzjoni tal-partijiet qatt ma kienet wahda felici u sana sahansitra r-rikorrenti kienet kostretta titlaq diversi drabi mir-residenza tal-partijiet u cioe' 2 BLK 4 Flt 2, Triq il-Fieres Hal Kirkop, tant li ghal zmien twil ma kellhiex saqaf fiss fuq rasha u dan konsegwenza ta' vjolenza domestika min-naha tal-intimat l-esponenti kellha ssofri ghal snin twal.

V. Illi l-fond fejn kienu jghixu il-partijiet u cioe' 2 BLK 4 Flt2, Triq il-Fieres Hal Kirkop, huwa mikri lill-partijiet mill-Awtorita' tad-Djar.

VI. Illi fil-proceduri meta r-rikorrenti kellha titlaq mid-dar u kien qed jghix fil-propjeta' l-intimat wahdu halla dejn kbir warajh kemm mal-ARMS u kif ukoll mal-Awtorita' tad-Djar ghaliex f`dak l-istess perjodu l-intimat ma kien ihallas l-ebda kontijiet filwaqt li l-esponenti qatt ma seta' jkollha kontroll ta dak li qed jigri fid-dar.

VII. Illi lura 2022, permezz ta' digriet tas-sitta u ghoxrin ta' Settembru fl-atti tal-medjazzjoni 490/2022 din il-Qorti diversament preseduta ordnat l-izgumbrament tal-intimat mill-fond 2 BLK 4 Flt.2, Triq il-Fieres Hal Kirkop u dan fi sfond tal-vjolenza domestika li wettaq l-intimat fuq l-esponenti.

VIII. Illi l-fatti l-esponenti intavolat rikors ghal hrug ta' mandat ta' zgumbrament liema talba l-Qorti laqghet nhar it-18 ta Ottubru 2022.

IX. Illi l-esponenti ssottomettiet ittra lir-Registratur tal-Qorti Civili datata tlieta u ghoxrin ta' Mejju 2024 u dan bit-tama li jinthalaq ftehim ghal separazzjoni bonarja bejn il-partijiet ma setghux jitkomplew u dan minhabba illi l-esponenti m' ghandhiex indirizz fejn qed jabita l-intimat.

X. Illi l-intimat minkejja li gie zgumbrat mill-fond 2 BLK 4 Flt.2, Triq il-Fieres Hal Kirkop permezz ta' ordni ta' din il-Qorti sentejn ilu l-indirizz fuq il-karta tal-identita' tieghu ghadu 2 BLK 4 Flt.2, Triq il-Fieres, Hal Kirkop.

XI. Ghalhekk kellhom jigu intavolati l-odjerni proceduri kif awtorizzata b`digriet ta' din l-Onorabbli Qorti illi kopja tieghu qieghed jigi hawn anness u esebita bhala SB 2.

XII. Illi dawn il-fatti hawn fuq dikjarata kollha a diretta konoxxenza tar-rikorrenti.

XIII. Illi ghalhekk qed issir din il-kawza bl-ispejjez.

**Ghaldaqstant in vista ta' dak kollu fuq premess r-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-**

1. Tippronunzja s-separazzjoni personalli *mensa et thoro* bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet fuq premessi u rikonoxxuti fil-ligi u imputabbli lill-intimat.

2. Tillikwida u xxolji l-Kommunjoni tal-Akkwisti ezistenti bejn il-partijiet okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

3. Tordna u tikkonferma lill-intimat sabiex thallas retta alimentari xierqa vis-a-vis l-esponenti u dan tal-eta' li hija ghandha u ghal dawn l-ahhar snin l-esponenti kienet mgieghla ma tahdimx mill-istess intimat.

4. Tiddikjara u tidddeciedi ili l-intimat iddekada minn sehmu fil-Kommunjoni ta l-Akkwisti u konsegwentament tapplika l-effetti ta l-Artikolu 48 et seq tal-Kodici Civili kontra l-istess intimat favour ir-rikorrenti u konsegwentement tiddikjara illi l-intimat tilef il-jeddijiet imsemmija fl-artikoli 631 u 633 tal-Kodici Civili kif ukoll dak kollu illi kien kiseb b`donazzjoni bi hsieb taz-zwieg jew wara iz-zwieg ritorna lilha u tiddikjara inoltre illi l-intimat tilef ukoll kull jedd ghan-nofs tal-akkwisti li saru l-aktar bil-hidma tar-rikorrenti u ghal dan l-iskop ghandhom jitqiesu l-kontributi b`kull mod taz-zewg partijiet skond l-artikolu 3 tal-Kodici Civili. Inoltre' din l-Onorabbli Qorti hija mitluba illi tiddikjara illi l-intimat iddekada mid-dritt illi jitlob manteniment mill-rikorrenti.

5. Taqsam u tiddividi l-beni kollha appartenenti lill-Komunjoni tal-Akkwisti f'zewg ishma illi ma jkunx ugwali in segwitu ghat-talbiet precedenti u tassenja dak is-sehem illi jimisha kull parti ai termini tal-istess.

6. Tassenja lir-rikorrenti l-beni parafernali taghha u jew il-valur tal-istess u tordna lill-intimat sabiex jirritorna l-beni kollha parafernali taghha jew il-valur relattiv tal-istess jekk ikun il-kaz.

7. Tassenja kull dritt, kemm reali u kif ukoll personali fil-fond 2 BLK 4 Flt.2, Triq il-Fieres Hal Kirkop b`mod esklussiv lir-rikorrenti b`dan illi kull dejn relatat ghandu jkun esklussivament f`idejn l-intimat BB.

8. Illi kull dejn maghmul minn BB fil-komunjoni ghandu jkun a karigu tal-istess BB

9. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippublika l-Att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-atti tal-medjazzjoni u l-proceduri odjerni kontra l-intimat illi jibqa' minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut baqa' ma pprezentax ir-Risposta tieghu fit-termini rikjesti mil-ligi, u ghalhekk gie iddikjarat kontumaci.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**IKKUNSIDRAT:**

**<u>FATTI</u>**

1. L-attrici tishaq li zzewwget lill-konvenut fid-29 ta' Dicembru, 2009 u minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal li lkoll huma maggorenni llum.

Tispjega li l-hajja mizzewwga kienet iebsa hafna peress li kienet vittma ta' vjolenza domestika, fejn kienet taqla' swat u theddid in kontinwazzjoni. Minhabba li l-konvenut kien ragel aggressiv u vjolenti tammetti li kemm il-darba kellha titlaq mid-dar matrimonjali bit-tfal u kellha ssib kenn diversi drabi fix-shelters matul is-snin,[1] Meta l-konvenut kien isir jaf f'liema shelter kienet tinstab kien imur ghaliha u jheddidha li jekk ma kinitx ser tmur lura d-dar kien ipattiehilha u ghalhekk kienet icedi u tirritorn lura d-dar,

Minhabba l-iswat u theddid kienet ghamlet hafna rapporti mal-pulizija, izda kien hemm hafna drabi fejn ma kinitx tmur peress li kienet tibza' li kienet ser tigiha aghar jekk isir jaf.[2]

Tispjega ukoll li l-konvenut kien anke jsawwat lit-tfal u kollha kemm huma kienu batew hafna minhabba l-vjolenza li raw u li gew assoggettati ghaliha.

L-attrici tispjega ukoll li problema ohra kienet dik relatata mal-flus peress li kien jippretendi li tghaddilu l-paga taghha kollha, kien izomm tieghu u ftit li xejn kien ighaddilha flus jekk kienet titolbu.

L-attrici tammetti li ghamlet minn kollox sabiex tahrab minn dina l-vjolenza u sahansitra ppruvat tmur tghix Ghawdex u tibda hajja gdida

[1] Dok. A anness mal-affidavit tal-attrici.
[2] Dok. B anness mal-affidavit tal-attrici,

izda ma rnexxielix, Marret tghix mal-genituri taghha ukoll u kien hemm zmien fejn anke spiccaw barra fit-triq fejn ma sabux post f'shelter.

Kien meta bdiet il-proceduri l-Qorti, li b'digriet taghha tat-18 ta' Ottubru, 2022, li l-konvenut kien gie ordnat jizgombra mid-dar matrimonjali u b'hekk setghet terga' tirritorna lura d-dar. Tghid li d-dar hija tal-Housing Authority, Meta regghet rritornat lura fid-dar saret taf li l-konvenut kien ghamel d-dejn mal-ARMS u anke mal-Housing Authority u spiccat li kellha thallas dan id-dejn hi stess u permezz tal-ghajnuna tal-Appogg irnexxielha tasal ghall-ftehim mal-ARMS.

Tikkonferma li ghad ghandha d-dejn mal-Housing peress li ma taffordjax thallas kollox.

Minhabba t-tbatija li ghaddiet minnha fiz-zwieg tammetti li kellha tfittex l-ghajnuna tal-psikjatra u ghadha tattendi sallum.

2. **ANDREW XUEREB** ghan-nom tal-Awtorita' tad-Djar jikkonferma li l-fond Block 4, Flat 2, Triq il-Fieres, Kirkop, gie mghoti lil SA .[3] Wara li l-attrici zzewwget lill-konvenut fl-2009, gie rikonoxxut il-konvenut ukoll fuq il-post.
Jikkonferma li kienu saru rapporti da parti tal-attrici li kien hemm xi problemi rigward il-fond in kwistjoni.

[3] Dok. AX 1

Ipprezenta ukoll nota bid-dettalji tad-dejn li kien hemm fuq il-post. [4]

3. **Antonella Attard**, ghan-nom tal-ARMS ipprezentat diversi dokumenti rigward l-arretrati ta' pagamenti ezistenti mal-istess socjeta'.[5]

4. **Johann Callus** fil-kapacita' tieghu ta' Community mentor mal-Agenzija ghas-Servizzi Terapewtrici u fil-Komunita' li taqa' taht Fondazzjoni ghall-Harsien Socjali u jispjega li ilu jsegwi lill-attrici sa mis-sena 2023, u mieghu kien hemm social worker. Ighid li l-kaz taghha gie riferut lilu minn qassis minn Hal Kirkop.

   Wara diversi appuntamenti mal-attrici sabiex jaraw kif ser ighinuha, flimkien fasslu pjan immirat sabiex jeghlbu d-diffikultajiet li l-attrici ghandha fosthom mal-Housing u djun.

   Jzid ighid li ppruvaw jaghtu support materjali lill-attrici minn naha tal-Community Chest Fund sabiex inaqqsu mill-piz materjali u anke pprovdulha vawcers tal-ikel ghal perjodu ta' sitt xhur.

   Ghamlu ukoll *budgeting sessions* mal-attrici peress ma kienx hemm mezz sabiex izidulha l-mezzi taghha u ghalhekk ippruvaw ighallmuha sabiex taghmel budgetjar tad-dhul li ghandha fil-prezent mill-beneficcji socjali.

[4] Dok. AX 2
[5] Doks. AA1 – AA4

Jammetti ukoll li kienu assistewha bi djun li kellha mal-ARMS u anke mad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali. Kienu iltaqghu mal-ARMS u rnexxielhom igibulha lura s-servizz tad-dawl u lahqu qbil mal-entita' sabiex b'rata baxxa hafna tkun tista' thallas id-dejn li kien hemm. Fil-fatt, presentement l-attrici qed thallas id-dejn fix-xahar u dan minhabba tghallmet timmanigja l-flus taghha minkejja li ghandha dhul baxx,

Kienu anke avvicinaw lill-Awtorita' tad-Djar u dan peress li l-attrici ma kinitx kuntenta tghix fid-dar matrimonjali u xtaqet li jsir tpartit u dan minhabba li kien hemm relazzjonijiet hziena mal-girien u dan minhabba l-konvenut. Sabiex issir dina l-bidla l-Awtorita' qed titlob li tigi prodotta s-separazzjoni tal-partijiet.

Dwar id-dejn mal-Awtorita' tad-Djar jikkonferma li ghadu ma ntlahaqx ftehim u dan minhabba li meta sar id-dejn, l-attrici kienet qed toqghod fil-post.

Kien ghalhekk li talbuha tfittex is-servizzi tal-avukat tal-ghajnuna legali u jikkonferma li ghadu qed jassisti lill-attrici sallum.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Primarjament qed jigi rilevat illi l-konvenut baqa' kontumaci f'dina l-kawza.

**Responsabbilita'**

L-attrici qed taddebita l-htija kollha tat-tifrik taz-zwieg taghhom lill-konvenut minhabba eccessi, sevizzi, mohqrija, ingurji gravi kif ukoll vjolenza.

**Sevizzi/Eccessi/Minacci/Mohqrija/Ingurji gravi**

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria:***

***“Per sevizie del senso della legge s’intendono atti abituali di crudelta’ che offendono la persona o l’anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898].”***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta’ Gunju, 1967 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu “***f’sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l’abitazione e la vita comune.”***

Inoltre fil-kaz **Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius** deciza fl-10 ta’ Dicembru, 1951 mill-Appell Superjuri, il-Qorti qalet:-

***“Mhux talli tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta’ separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill- iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi…***

***Huma sevizji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huwa dirett u li jaslu biex joholoqu ezarcerbazzjoni f’dak il-konjugi hekk offiz u avversjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkometti dawk l-atti…Ix-xehha tar-ragel, meta hija ezagerata u eccessiva, tista’ tikkostitwixxi servizju li tirrendi impossibbli l-konvivenza konjugali.”***

Kif inghad fis-sentenza ricenti **Antoine Portelli vs Marthese Portelli sive Merthis** deciza fis-27 ta' April, 2017: ***"Il-Qorti tabbraccja d-distinzjoni bejn "sevizzi" u "eccessi" delineatabilment mill-Perit Legali fir-rapport minnu redatt b'referenza ghad-dottrina esposta minn Fadda u Baudry Lacantinerie.***

***"Eccessi" huma atti ta' vjolenza kommessi minn konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra illi huma tant gravi li jistghu jpoggu fil-perikolu s-sahha jew addirittura l-hajja ta' dak li jkun. Tali vjolenza tista' tkun mhux biss fizika izda ukoll psikologika. Vjolenza psikologika gravi, kostanti u fuq medda ta' zmien tista' ukoll twassal ghad-dannu fis-sahha ta' min jissubixxi tali vjolenza psikologika u ghalhekk tikkwalifika ukoll bhala "Eccess" fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16.***

***"Mohqrija" jew kif ahjar isibuha fil-gurisprudenza "sevizzi," huwa atti gravi ta' krudelta' illi ghalkemm ma jpoggux il-hajja jew is-sahha ta' min jissubixxi tali azzjoni fil-periklu, jikkostitwixxi tortura fizika jew psikologika. Tali azzjonijiet ta' krudelta' jikkwalifikaw bhala "mohqrija" fit-termini tal-Artikolu 40. Sabiex azzjoni tikkwalifika ghal nuqqas that l-Artikolu 40 jehtieg li tkun mhux biss gravi izda ukoll abitwali."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi,

sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."*** Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz."***

Mill-provi jirrizulta li wara z-zwieg il-konvenut kien ragel aggressiv u vjolenti u l-istess attrici u uliedha kienu jigu assoggettati ghall-vjolenza kontinwa, tant li kemm il-darba kellha titlaq barra mid-dar u ssib kenn gewwa shelter, jew anke mal-familja taghha u addirittura spiccaw barra fit-triq meta sabu x-shelters kollha mimlijin.

Kien hemm perjodi fejn malli l-konvenut kien isir jaf fejn qiedgha kien imur jaghmel xenata sakemm kienet iccedi u terga' tirritorna lura d-dar.

L-attrici tant kienet thossha ntrappolata li xi drabi kienet tirrapporta dawn l-episodji ta' vjolenza u hafna drabi le minhabba li kienet tibza' bil-mod kif kien ser jirreagixxi l-konvenut malli jsir jaf li kienet ghamlet rapport.

Sa fl-ahhar b'digriet taghha tat-18 ta' Ottubru, 2022, dina l-Qorti ordnat l-izgumbrament tal-konvenut mill-fond matrimonjali 2, Block 4, Flat 2, Triq il-Fieres, Hal Kirkop.

Problema ohra li l-attrici kellha tiffaccja fiz-zwieg taghha huwa d-dejn li kien ghamel il-konvenut. Apparti li mix-xhieda taghha, kif ikkorroborrat mir-rapprezentanti tal-Housing Authority, kif ukoll minn rapprezentanti tal-ARMS, li kien jezisti dan id-dejn maghhom, il-konvenut kien jiehu l-paga kollha tal-attrici u ftit li xejn kien ighaddilha flus sabiex tkampa.

Dan il-karattru dominanti tal-konvenut gie rifless ukoll mill-fatt li spiccaw waqghu lura fil-pagamenti tal-Housing u dina l-kwistjoni ghadha mhix rizolta sallum. Dan huwa kkonfermat u kkorroborrat mix-xhud

Johann Callus fil-kapacita' tieghu ta' Community mentor mal-Agenzija ghas-Servizzi Terapewtrici u fil-Komunita' li taqa' taht Fondazzjoni ghall-Harsien Socjali li jassisti lill-attrici sabiex jigu rizolti l-kwistjonijiet tad-dejn ezistenti mal-Arms u -Housing Authority.

Tramite l-ghajnuna ta' Callus, l-attrici waslet f'arrangjament mal-ARMS sabiex ikun hemm programm ta' pagament u dan sabiex jigi evitat li jaqtghulha l-provvista tad-dawl. Dawn l-arretrati qed jithallsu mill-attrici li qed taghmel hafna sagrificcji sabiex thallas mill-ftit introjtu li ghandha mill-beneficcji socjali u anke meta ma tistax tohrog tahdem minhabba li l-abbuz li giet assoggettat ghalih wassal sabiex halla effett fuq is-sahha mentali taghha.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti u dan ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut li rrenda ruhu hati ta' sevizzi, eccessi, minacci, ingurji gravi u vjolenza.

2. Tilqa’ t-tieni talba u tillikwida u xxolji l-komunjini tal-akkwisti, b’dana li l-kirja tad-dar matrimonjali u cioe’ 2, BLK 4, Flat 2, Triq il-Fieres, Hal Kirkop ghandha tigi assenjata lill-attrici, kif ukoll kwalsiasi dejn li ghamel il-konvenut mal-Awtorita’ tad-Djar kif ukoll l-ARMS , kif ukoll kwalsiasi dejn iehor ghandhu jigi assunt mill-konvenut.
3. Tilqa’ t-tielet talba attrici u tordna lill-konvenut sabiex ighaddi lill-attrici s-somma ta’ €200 bhala retta alimentari fix-xahar.
4. Tilqa’ r-raba’ talba attrici u tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut iddekada mid-dritt li jiehu sehemhu mill-komunjoni tal-akkwisti u konsegwentement tapplika l-effetti tal-Artikolu 48 et seq tal-Kodici Civili u dan mit-18 ta’ Ottubru, 2022.
5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ dina t-talba stante dak li gie deciz fit- talba numru 2.
6. Tilqa’ s-sitt talba attrici sa fejn applikabbli.
7. Tilqa’ s-seba’ talba attrici u tordna li kwalsiasi dejn ezistenti mal-ARMS u l-Awtorita’ tad-Djar ghandu jigi assenjat esklussivament lill-konvenut.
8. Tilqa’ t-tmien talba attrici u tordna lill-konvenut sabiex kull dejn maghmul mill-konvenut ghandu jkun a karigu esklussiv tieghu.
9. Tilqa’ d-disa’ talba attrici, u tinnomina lin-Nutar Ian Spiteri ghall-eventwali pubblikazzjoni tal-atti relattivi, u kuraturi deputati biex jidhru fuq l-istess atti ghall-eventwali kontumacja, jekk ikun hemm in-necessita’.

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.**

**Onor. Imhallef Dr. Anthony J. Vella**

**Registratur**